MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2004

Numru. 191/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Alex Paul Miruzzi**
**V**

**CHARLES STELLINI bin Gregory Bernard u Eucharistica nee' Sillato, imwieled Australia fis-sitta [6] ta' Marzu, 1975 u residenti "Chant" Triq Raymond Caruana, Ghajnsielem, Ghawdex, jew "Southern Cross" Triq Manwel Dimech, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 74492M.**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **CHARLES STELLINI** bin Gregory Bernard u Eucharistica nee' Sillato, imwieled Australia fis-

sitta [6] ta’ Marzu, 1975 u residenti “Chant” Triq Raymond Caruana, Ghajnsielem, Ghawdex, jew “Southern Cross” Triq Manwel Dimech, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 74492M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha w ghoxrin [29] ta’ Frar, 2004 ghall-habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta’ filghodu, waqt li kien fuq il-bahar fl-inhawi ta’ Mgarr ix-Xini waqt stagun miftuh ghall-kacca ta’ ghasafar minn fuq il-bahar;

1. Kien ghall-kacca u pprova jikkaccja u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-marka Beretta S/N A23517L u munizzjon meta ma kienx fl-ghata tieghu u kien kkargat bi skartocc meta kien f’distanza ta’ inqas minn tlett [3] kilometri boghod mix-xatt u dan bi ksur ta’ A.L. 146 & Art 9(ii) (aa);

2. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi naqas li josserva xi dispozizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti jew xi ordni ohra legittima moghtija bis-sahha ta’ xi dispozizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jigifieri ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993 Reg 25 (1)(2);

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-kacca ghal mhux inqas minn sena.

Semghet x-xhieda ta’ PS 116.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ppruvati u ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-Avviz Legali numru 146 u l-artikolu 9(ii) (aa) u l-artikolu 25 (1)(2), **tiddikjara li ssib lil imputat CHARLES STELLINI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hamsa w sebghin [75] lira maltin.**

**Oltre dan, stante li s-senter mhux registrat f’isem l-imputat, il-Qorti <u>mhux</u> ser tordna l-konfiska tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------